

**Motivi invokati**

- Ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' amministrazzjoni tajba;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(a), (b) u (e)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2021 – Sunshine Smile vs EUIPO (PlusDental+)****(Kawża T-265/21)**

(2021/C 263/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet***Rikorrent:* Sunshine Smile GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Kirschner, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea PlusDental+ bil-kuluri blu u aħmar – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 126 826*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Marzu 2021 fil-Każ R 1834//2020-2**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tordna l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Nr. 18 126 826;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tad-dritt għal smiġh skont l-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2021 – Casanova vs BEI****(Kawża T-266/21)**

(2021/C 263/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet***Rikorrent:* Philippe Casanova (Fort-de-France, Franza) (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)*Konvenut:* Il-Bank Ewropew tal-Investment

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitleb li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

konsegwentement

- tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2020 li biha ir-rikorrent ġie infurmat li l-kuntratt tiegħu ma kienx ikkonfermat wara l-perijodu ta' probazzjoni u għaldaqstant kien ser jintemm fit-30 ta' Ġunju 2020;
- kif meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tal-BEI bid-data tat-8 ta' Frar 2021 li tiċħad it-talba għal konċiljazzjoni u r-rikors amministrattiv tar-rikorrent ippreżentati fil-11 ta' Awwissu 2020, li b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2020;
- tagħti kumpens għad-danni materjali u morali tar-rikorrent;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur, minn naħa, tal-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni tar-rappreżentazzjoni tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u, min-naħa l-oħra, tal-prinċipju ta' ċertezza legali.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-inkompetenza tal-awtur tal-att, tal-ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità u tal-ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni mwettqa matul il-perijodu ta' probazzjoni inizjali u matul l-estenzjoni tal-perijodu ta' prova.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq użu ħażin tal-poter imwettaq mill-BEI.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2021 – Amort *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-267/21)**

(2021/C 263/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Heidi Amort (Jenesien, l-Italja) u 22 rikorrent ieħor (rappreżentant: R. Holzeisen, avukata)

*Konvenut*: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni kkontestata, flimkien mal-emendi u mal-inklużjonijiet sussegwenti.